



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2128(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fi ħdan l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2013 (2014/2128(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jqisu li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fi ħdan l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-eu-LISA fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet f'dik id-data, u li jippreċiżaw, barra minn hekk, li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jenfasizza li l-eu-LISA saret finanzjarjament awtonoma fl-2013 u li t-twaqqif tal-proċeduri tagħha għadu għaddej; minħabba l-fatt li parti mill-baġit annwali totali tal-eu-LISA ġie implimentat mill-Kummissjoni u li l-istrutturi baġitarji tal-wieħed u l-ieħor kienu differenti, ma setgħetx issir analiżi aktar approfondita skont il-baġit għas-sena finanzjarja 2013;
3. Jinnota li, mingħajr ma tiddubita l-opinjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet tal-eu-LISA, il-Qorti tal-Awdituri ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li fl-assenza ta' dejta affidabbli u kompluta dwar l-ispejjeż tal-iżvilupp totali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), tas-sistema tal-informazzjoni dwar il-viżi (VIS) u tas-sistema Eurodac, dawn l-ispejjeż ġew irreġistrati fil-kontijiet tal-eu-LISA bil-valur nett tagħhom skont il-kotba tal-Kummissjoni, u dan wara t-trasferiment tal-ġestjoni operazzjonali ta' dawn is-sistemi tal-Kummissjoni u l-eu-LISA f'Mejju 2013; dawn ġew aġġornati fit-tmiem tas-sena finanzjarja;
4. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-kontrolli interni u tal-ġestjoni baġitarji;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni għat-twaqqif ta' ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-eu-LISA, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom din tkun użat l-appropriazzjonijiet tagħha fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha;